7 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Xuereb *versus* Emmanuele Cremona

**Fidejussjoni — Assunzjoni ta' Dejn — Nullità — Art. 2029 u 1277 (1) (6) tal-Kodiċi Ċivili**

*L-obligazzjoni tal-pleġġ hija essenzjalment aċċessorja, għax huwa ma jintrabatx, bħad-debitur, b'mod prinċipali, iżda għall-każ biss li d-debitur ma jissodisfax l-obligazzjoni tiegħu; mentri biex ikun hemm assunzjoni ta' dejn jeħtieġ li l-obligazzjoni tkun ġiet assunta b'mod prinċipali. Għaldaqstant, meta wieħed jobliga ruħu li jħallas id-dejn ta' ħadd ieħor fil-każ li dan ma jħallasx dak id-dejn, ikun hemm il-figura ġuridika tal-fidejussjoni, u mhux dik ta' assunzjoni ta' dejn.*

*U jekk din l-obligazzjoni tkun saret bil-fomm biss, u mingħajr kitba, il-garanzija hekk assunta ma tiswiex, u ma torbotx ġuridikament lil min jassumiha.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress li l-attur għamel xogħol ta' aperturi tal-injam fil-fond "Lilian", Trieq il-Kubrit, Gżira, proprjetà tal-konvenut; liema xogħol l-attur kien ħa minn għand il-kuntrattur Nikola Ciappara fil-preżenza tal-konvenut, wara u in vista tal-fatt li dan assikura lill-instanti li jitħallas ta' dak li jagħmel, kif fil-fatt ikkura li dan jitħallas akkont, u assuma li jħallas hu jekk ma jħallasx Ciappara; u peress illi l-konvenut, għalkemm interpellat mill-attur biex iħallsu l-bilanċ ta' £97.12.4, naqas milli jagħmel dan, u ppretenda li l-instanti jitħallas minn għand Ciappara, fil-waqt li dan Nikola Ciappara, meta ġie avviċinat għal dan l-oġġett, ma ħallasx dan il-balanċ; talab li l-konvenut jiġi minn din l-Onorabbli Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £97.12.4, bi-

lanċ ta' somma akbar prezz tax-xogħol fuq imsemmi, kif speċifikat dettaljatament fil-kont anness (dok A). Bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Jannar 1952, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' din l-ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni jippremetti illi huwa kien ħa x-xogħol in kwistjoni minn għand il-kuntrattur Nikola Ciappara, u dan għaliex il-konvenut kien assuma li jħallas hu jekk ma jħallasx Ciappara. Fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni l-attur spjega li Ciappara ħallas f'żewġ akkonti s-somma ta' £124, u ma ħallas aktar iżjed; u għalhekk l-attur fadallu jieħu £97.12.4 li qiegħed jitlob f'din il-kawża;

Illi, qabel xejn, huwa impellenti li tiġi preċiżata l-figura ġuridika li, skond l-attur, assuma fil-konfront tiegħu l-konvenut. Apparti l-allegazzjonijiet tal-attur fuq miġjuba, mill-provi prodotti mill-attur jirriżulta li huwa aċċetta li jaħdem ix-xogħol in kwistjoni għaliex, kif xehed huwa stess (fol. 30), "il-konvenut flimkien ma' martu qalluli 'aħna nagħmlu tajjeb għalieħ' ", jiġifieri għal Ciappara; u skond l-istess Ciappara, xhud tal-attur, "il-mara tal-konvenut kienet qalet li, fejn ma nasalx jiena, tasal hija" (fol. 26 tergo). Dawn id-dikjarazzjoniet maħlufa, flimkien ma' dawk magħmula mill-attur fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa, iwasslu għall-konklużjoni li huwa ħadem ix-xogħol minħabba li l-konvenut kien ikkostitwixxa ruħu garanti ta' Nicola Ciappara;

Issa, apparti l-provi prodotti mill-konvenut, kuntrarji għal din il-pretensjoni tal-attur, skond l-art. 2029 tal-Kodiċi Ċivili, "il-pleġġerija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu". Jiġifieri, li l-obli-

gazzjoni tal-pleġġ hija essenzjalment aċċessorja; għaliex huwa ma jintrabatx, bħad-debitur, b'mod prinċipali, iżda għall-każ biss li d-debitur ma jeżegwix l-obligazzjoni tiegħu; u dina l-kondizzjoni aċċessorja u subordinata jammettiha l-istess attur. Xejn ma jiswa li fiċ-ċitazzjoni jingħad li l-konvenut "assuma li jħallas", għaliex din mhix assunzjoni ta' dejn vera u proprja, fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" tad-Dritt Ruman. Difatti, il-ħlas kellu jsir jekk Ciappara ma jħallasx; u biex ikun hemm din l-assunzjoni huwa meħtieġ li l-obligazzjoni tkun ġiet assunta b'mod prinċipali. "La promessa li pagare il debito altrui", josserva Baudry, "non è una vera fideiussione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione" (Fideiussione, §916). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVII-I-817; u App. Inf. 30.10.1937 in re "Vittorio Cassar vs. Carmelo Vassallo", inedita);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-assunt tal-attur iwassal għal obligazzjoni assunta mill-konvenut bħala garanti ta' ta' Nikola Ciappara; u billi ma jirriżultax li din saret bil-miktub skond l-art. 1277(1)(6) Kod. Ċiv., dik il-garanzija ma tiswiex, u l-provi testimonjali miġjuba mill-attur, anki jekk jistgħu jwasslu biex jissostanzjaw il-promessa tal-konvenut, ma jiswewx biex jivvinkolawh legalment bħala garanti; u għalhekk l-azzjoni tal-attur mhix sostenibbli;

Illi taħt dan ir-rigward, u ladarba l-konvenut ma jistgħax jiġi kunsidrat ġuridikament bħala garanti, ma hemmx bżonn li tkun investita l-preġudizzjali opposta minnu fin-nota tal-eċċezzjonijiet;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi t-talba tal-attur, bl-ispejjeż; salva lill-attur kull azzjoni oħra kontra ħadd ieħor, "si et quatenus".